MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 739/1995/1

**Philip Grima**

**Vs**

**Simon Rutter**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li, prevja li jigi dikjarat responsabbli ghall-hsarat kkagunati fil-fond tal-attur 183 Old Bakery Street, Valletta.

Il-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur l-ammont ta' tnejn u sittin lira Maltin (Lm62) in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' April, 1995 u tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 1995.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 6 tal-atti u li biha eccepixxa:-

1. In linea preliminari, in-nullita ta’ l-avviz stante li, kuntrarjament ghal dak li hemm stipulat fl-artikolu 156 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, mhux spjegat kif u meta saru l-hsarat allegati, lanqas m’huma spjegati n-natura tal-hsarat allegati u n-nexus bejn tali hsarat u l-konvenut.

2. Bla preguizzju ghas-suespost, l-avviz ma jindikax il-“locus standi” ta’ l-attur billi mhux spjegat f’liema kwalita qed jagixxi vis-à-vis il-kumpanija “Malcit Steamship and Airline Company” li apparentement hi limited liability company.

3. Ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent jichad li ikkaguna xi danni fil-fond 183 Old Bakery Street, Valletta, u hu jinvoka favur tieghu dak li hemm kontemplat fl-artikoli 1029 et seq tal-Kodici Civili, liema prevvedimenti ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni illi, jekk stess graw xi hsarat fl-imsemmi fond, dawn ma grawx b’tort u htija ta’ l-eccipjent.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun li issir referenza ghal dak verbalizzat mill-attur a fol 8 u a fol 9 tal-istess atti . Minn dan jidher li l-attur issottolinea li d-danni specifikati fl-avviz in esami huwa rizultat ta’ ilma li pperkola” mill-hanut tal-konvenut ghall-fond sottostante tal-attur” u dan <u>fl-ewwel (1) ta’ Marzu 1995</u> (ara ukoll fol 11 tal-atti).

Illi meta xehed <u>l-attur</u> (fol 17 et seq ibid) dan qal li, meta, fid-data msemmija ghal habta tas-6.15a.m., hu kien fetah il-hanut ossija ufficju tieghu f’Triq l-Ifran fil-Belt Valletta, hu kien sab hafna ilma liema “….. kien niezel anki mis-saqaf

u fuq l-iskrivanija”. In rigward dan, hu ikkonkluda “…..li gej minghand ta’ fuqi…” ossija mill-post sovrastante appartenenti lill-konvenut. Hawnhekk presenti PS 630 Charles Micallef, hu sab “… illi fil-fatt l-ilma kien qed ifurlu mit-tank tieghu (presumibilment tal-konvenut), jinzel ghal ghandu u jibqa niezel ghal ghandi”. In kontro esami l-attur kompla jghid li oltre il-post tal-konvenut, hemm iehor appartenenti lil Dentist bl-isem ta’ Robert Sammut u iehor ta’ certu Galea. In konnessjoni ma danni, kien ukoll ghamel xi ilment dwar ilma diehel fl-ufficju tieghu izda f’parti differenti tal-istess ufficju u minghajr ma gew kagunati xi hsarat. Inoltre hu rrefera ghal fatt li fl-istess inhawi gieli kienu nfaqghu kanen tal-ilma tal-Gvern izda fi zmienijiet differenti.

Illi gie, prodott bhala xhud l-imsemmi PS 630 Charles Micallef (fol 33 et seq ibid). Dan ikkonferma li kien ra, fl-ufficju tal-attur, skrivanija bl-ilma fuqha kif ukoll soffitt imxarrab. Minhabba hekk, kienu iddeciedew, hu u l-attur, sabiex jhabbtu l-bibien ta’ nies f’postijiet sovrastanti dak tal-attur izda, l-istess xhud qal “… ghandi l-impressjoni li ma fethilna hadd”. Dan ix-xhud kien gie riprodott minhabba li, fl-ewwel okkazzjoni kien xehed minghajr in-notamenti tieghu. F’din it-tieni okkazjoni, oltre li esebixxa kopja tar-rapport (Fol 42 ibid), semma “…. (l-ilma) kien niezel …. minghand l-iehor mad-daqqa ta’ ghajn kien jidher niezel anke mat-tarag”. Pero hu kompla jghid li dak il-hin kellu bicca xoghol urgenti in konnessjoni ma serqa kbira. Fl-ahharnett, fl-imsemmi rapport hemm imnizzel “Il-hsara giet kagunata minn ilmijiet ta’ 57, St Lucia Street, il-Belt ta’ certu Azzopardi”. Mill-atti jidher li gie prodott ukoll PC 1077 Anthony Theuma (fol 55 et seq ibid) izda dan in konnessjoni ma incident iehor simili li gara madwar it-3 ta’ Novembru 1995 (ara l-avviz numru 417/96JAB fl-istess ismijiet li qed jigi deciz, ukoll, illum stess).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut hemm xehed (fol 44 sa fol 46 tal-atti) kif ukoll ipproduca lil Paul Mifsud (fol 52 ibid), inkarigat mill-istess konvenut bhala “plumber” in konnessjoni ma dan il-kaz u l-iehor hawn fuq imsemmi.

Illi l-konvenut spjega li, f'okkazjoni wahda, kien hemm hsara f'kanna tal-ilma tal-Gvern u l-ilma ghalhekk, jidher li dahal fil-fond tal-attur. F'okkazzjonijiet ohra, meta l-post tieghu kien ilu ghal zmien twil, bla ilma, kien wahlu l-balal tat-tankijiet tal-ilma li da parti taghhom kien faru. Hu kompla billi semma' "<u>tank supplimentari</u>" li hu ghandu that it-tarag li jwassal ghall-appartament numru wiehed (1). Fl-ewwel okkazzjoni, meta l-attur kien akkumpanjat minn Pulizija, kien minnu li kien hemm xi ilma l-art vicin il-bieb ta' barra tal-partijiet komuni. Pero' ma kien hemm xejn x'jindika li dan l-ilma kien hareg mill-imsemmi tank. Difatti kien gab il-plumber imsemmi li accertah li kollox kien sew. In rigward dan, l-attur kien talab il-hlas ta' danni minghandu. Dwar il-premess l-imsemmi Paul Mifsud kien ha "l-impressjoni li dan l-ilma (vicin il-bieb ta' barra) kien qed jaqleb minn naha tal-mains ghal gewwa". Difatti ma kien sab xejn hazin fis-sistema tal-ilma tal-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher car u evidenti li ma rrisultax, fuq basi ta' probabilta', illi l-allegati hsarat pretisi mill-attur kien gie kagunat minn xi ilma li pperikola mill-post tal-konvenut u dahal f'dak tal-attur.

Illi, inoltre, mill-premess jidher li l-konvenut ha l-prekawzjonijiet kollha bhala "bonus paterfamilias" sabiex jara li jigi evitat dak li qed jallega l-attur fil-konfront tieghu. Hawnhekk ta' minn jirreferi ghall-artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kodici Civili fejn jinghad li persuna ghandha tkun responsabbli ghal hsarat kagunati minhabba tort tieghu ossija f'kaz li ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' "<u>bonus paterfamilias</u>".

Illi, ghalhekk, fid-dawl ta' dak kollu premess, it-talbiet attrici ghadhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------